minn **Noel D'Anastas** – ndanastas@gmail.com

# Għall-ewwel darba: Żabbar Music Festival



*Tribali waqt waħda mill-prestazzjonijiet tagħhom matul dan is-sajf*

Ghall-ewwel darba f'Ħaż-Żabbar, bhala preludju ghaċ-ċelebrazzjoni tal-festa tal-Madonna tal-Grazzja, se jinżamm iż-Żabbar Music Festival. Żewġ kunċerti kbar se jittellghu fil-miftuh bis-sehem ta' whud mill-aqwa esponenti rock lokali li se jinterpretaw il-klassiku *The Wall* tal-Pink Floyd kif ukoll kunċert bil-mużika ta' Ira Losco u l-*band* taghha u l-grupp Tribali.

L-organizzaturi ta' dan il-Music Festival qed isostnu li s'issa f'Ħaż-Żabbar ghadu qatt ma nżamm dan it-tip ta' spettaklu mużikali sew fid-daqs tieghu kif ukoll fl-istil mużikali li se joffri.

Iż-żewġ kunċerti se jsiru fit-Triq il-Labour, it-triq prinċipali li taghti ghaċ-ċentru ta' Ħaż-Żabbar, nhar il-Ġimgha u s-Sibt, 30 u 31 ta' Awwissu. Ghalkemm dan l-avveniment qed jitwassal minghajr hlas, se tintalab donazzjoni b'risq Puttinu Cares.

Fl-ewwel jum tal-Ġimgha, 30 ta' Awwissu, mid-9 p.m. 'l quddiem, Ħaż-Żabbar jilqa' l-mużika tal-grupp leġġendarju Pink Floyd li f'dan ir-rahal u l-akwati tieghu ghandu ammirazzjoni kbira. Se tindaqq il-mużika tal-album epiku *The Wall.* Dan l-album kien ispirat mit-*tour* li l-band kien qed jaghmel bhala promozzjoni ghall-album *Animals* fejn fih Roger Waters kellu incident minhabba l-frustrazzjoni li kellu mal-udjenza li kienet qed issegwihom. Wara l-inċident li kellu ma' wiehed mill-fans li prova jitla' fuq il-palk, Waters induna li kien inbena hajt. Il-mużika u t-tema f'*The Wall* hi aktar harxa u teatrali mix-xoghol preċedenti.

L-ispettaklu f'dan il-kunċert se jinkludi whud mill-aqwa kantanti u mużiċisti, maghżula apposta biex jaghtu tribut lill-abbiltà mużikali, l-istil u l-prestazzjoni li ghaliha huma maghrufa l-Pink Floyd. Fil-fatt, dan se jkun replika ta' dak li twassal fl-edizzjoni ta' din is-sena tal-*Earth Garden* nhar l-ahhar ta' Mejju li ghadda.

Se jinkludi fih madwar 45 esponent li barra li tindaqq il-mużika *live* mal-parti drammatika u psikadelika li joffri dan l-album, se jkun hemm l-aspett viżiv li l-Pink Floyd huma tant maghrufa ghalih fl-ispettakli li joffru.

Is-Sibt, l-ahhar tax-xahar ta' Awwissu, Ira Losco u l-*band* taghha twassal kunċert ta' siegha bl-inklużjoni ta' whud mill-aqwa suċċessi taghha, fosthom ukoll dawk reċenti mill-album kurrenti *The Fire.* Ftit tal-jiem ilu, Ira Losco u l-*band* taghha taw wirja tajba fl-Ghaxaq Music Festival, flimkien ukoll mal-*band* Airport Impressions. Hu evidenti li ghal Ira Losco dan kien sajf impenjattiv, inkluż il-Farsons Beer Festival.

Fl-10 ta' billejl, ghal saghtejn shah, idoqq Tribali li hu garanzija ta' hoss, divertiment u fuq kollox vibra pożittiva. Maghruf ghall-attrazzjoni li joffru b'ritmi etniċi u hsejjes orjentali bhal didgeridoo u s-sitar. Il-hoss uniku ta' Tribali jinkorpora wkoll tahlita ta' influwenzi minn dik *world music, reggae, pop, rock,* element klassiku u anki jazz.

L-ahhar album ta' Tribali, *The Traveller,* inhareġ sena ilu u rebah l-ahjar album tas-sena fil-*Malta Music Awards.* Bla dubju, Peter Paul u shabu se jkomplu bl-enerġija wara dak li taw fl-Earth Garden 2013, il-Farsons Beer Festival u fil-kunċert kbir li taw f'Calypso Cave f'Ghawdex ftit tal-jiem ilu. Issa jkomplu bl-istess vena f'Ħaż-Żabbar.



'THE RUNAWAY'

## Il-video l-ġdid ta' Red Electrick

*The Runaway* hu l-video ġdid li se tniedi l-*band* Red Electrick nhar il-21 ta' Awwissu fil-Villa Madama f'H'Attard wara s-7.30 ta' filghaxija. F'din it-tnedija, barra li jintwera l-*video* l-ġdid, il-*band* se ddoqq sett akustiku intimu.

Red Electrick hu kunsidrat wiehed mill-aktar *bands* mużikalment sofistikati lokalment fejn kiseb suċċess mhux biss bhala l-ahjar *band* fil-Bay Music Awards iżda wisq aktar f'dak li wassal fl-album debuttanti *Vine Lady* mahruġ f'Settembru 2010 kif ukoll *The Unplugged Sessions.*

Il-film *The Unplugged Sessions,* li ntwera fl-Eden Cinemas u nhareġ DVD, kellu suċċess kbir mhux ghax biss kien ewlieni fiċ-ċinemas lokali, iżda wkoll ghall-produzzjoni u direzzjoni li kien fih minn Jean Pierre Gatt u editjar ta' Daniel Lapira. Il-popolarità li kisbet is-single *Paul* hi dovuta wkoll ghal dan ix-xoghol artistiku.

F'*The Runaway* hemm il-produzzjoni ta' Colin Azzopardi u Jean Pierre Gatt. Din is-*single* diġà qed tkun fost il-*playlist* ta' bosta stazzjonijiet tar-radju lokali. Red Electrick, li jdoqq mużika indie rock, hu maghmul minn Matthew James Borg (vuċi u *keyboards*), Peter Borg u Jonas Delicata (kitarri), Ivan Borg (bass u vuċi) u Raphael Tonna (drums).

**'The Darkening'** hu l-album il-ġdid ta' Nomad Son, it-tielet wiehed li se jinhareġ mat-tikketta Taljana Metal on Metal Records. It-tnedija tieghu se ssir fil-31 ta' Awwissu fis-Shoosh, fil-Buskett, wara t-8.30 p.m. Nomad Son se jdoqq xi *tracks* minn dan l-album kif ukoll numri ohra mill-albums preċedenti. F'dan il-kunċert ta' tnedija se ddoqq ukoll il-*band* Shadow Borne. Il-biljetti huma ta' €5 u ghal dawk li se jixtru l-album id-dhul ikun minghajr hlas.



## Diska oħra ġdida għal Freddie Portelli

Fil-bidu ta' Awwissu, Freddie Portelli hareġ *single* ġdida, *Taking you out again,* li ghandha l-istess element *rock'n roll* stil tieghu. Is-*single* tinkludi wkoll diska ohra, *Beating round the bush.*

B'din id-diska se jkun hareġ 272 kanzunetta ghall-bejgh bl-ewwel wahda tieghu kienet il-*Viva Malta* li f'Novembru li ghadda kienet imsemmija f'*The San Diego Weekly magazine.* Din is-CD single hi t-tieni wahda tieghu ghal din is-sena wara *I will Try.*

Meta dan l-ahhar tkellimt mieghu qalli li hemm hsieb li johroġ album ġdid, kollu bil-Malti, ghax l-ilsien Malti hu ghal qalbu hafna. Bhalissa wkoll ghaddej b'diversi laqghat li ghandhom iwasslu ghal hruġ ta' ktieb fuq il-karriera tieghu li l-qligh minnu jmur ghall-karità.